# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — L-EWWEL KTIEB TA' L-1930

## IL-POEŻIJA MALTIJA FL-ISKEJJEL AĦJAR MINN KULL WAĦDA OĦRA

Il-poëżjia għandha qawwa kbira ħit-tiswir tal-karattru tat-tfal u taż-żgħażagħ. Din ħaġa li jafha kull min f'ħajtu messu jgħallem liż-żgħar.

Ħierġa minn qalb safja—għax min ma għandux qalb safja ma jistax ikun poëta—il-poëżija tgħanni bi kliem l-iżjed ħelu l-ġmiel tal-ħolqien li hu l-għajn bla ħeda li minnha jixrob il-poëta, u turi l-għerf u t-tjieba ta' min ġibed mix-xejn u niseġ f'univers tal-għaġeb il-ħlejjaq kollha. Il-poëżija,—l-isbaħ waħda fost l-Arti, jew Snajja' tal-Ġmiel—tmur dritt fil-qalb, titfa' hemmhekk iż-żrieragħ ta' l-aħjar u l-oħla sentimenti, u hekk fit-tifel tħejji s-sura taż-żagħżugħ irżin u qalbieni, u fiż-żagħżugħ tħejji s-sura tar-raġel qawwi fil-fehmiet tiegħu, ħabib tas-sewwa, għadu ta' kull agħmil li igħajjeb, li jtabba'.

Il-poëżija tirbaħ bil-ġmiel, trabbi bil-ħlewwa.

*

Il-qalb tal-bniedem tħossha mit-twelid il-poëżija. Mhux għal xejn l-ommijiet, f'kull żmien u f'kull rokna tad-dinja, għannew il-għanja ħelwa li għallmithom l-im-

ħabba fuq il-benniena ta' tarbithom marida jew imbikkija ; u m'hux għal xejn il-ġnus kollha, minn-ewl-iddinja, fissru mħabbithom bil-poeżija, u f 'sura ta' għanjiet żgħar, ħerġin safja mill-qalb bħal ma jfawwar l-ilma mill-blat, tefgħu iż-żerriegħa ta' dawk it-tradizzjonijiet li l-lum jiswew bla tarf għall-istorja ewlenija tal-bniedem. U anqas ma hu għal xejn li fl-iskejjel ta' kull pajjiż u ta' kull żmien daħlet bikri l-poeżija, u fil-Greċja kienet xi drabi miżmuma bħala sultana tat-tagħlim, ogħla saħansitra mill-filosofija.

*

Il-poeżija taħkem bil-ġmiel.

Fil-ħwejjeġ kollha hemm żewġ suriet ewlenin ta' ġmiel: waħda dik li tolqot is-sensi u tixgħel il-fantasija; l-oħra dik li tolqot iżjed il-moħħ u tħaddem il-ħsieb. L-ewwel waħda toħloq l-Arti; l-oħra toħloq ix-Xjenza.

Nieħdu warda f'sikkitha, u nħarsu lejha: tolqotna bil-lwien ħelwin tagħha, bit-tifsila tal-weraq, bil-għaqda tal-ġewża: il-fantasija tagħna tikbes, tiġbed bħal xbieha ta' dik il-warda, u f'daqqa waħda nħossu bħala għaxqa li mill-fantasija tmur għall-qalb, u minn qalbna tixref fuq xoftejna mfissra bi tbissima u b'xi klejma ta' ferħ....ooh !

Dan il-ġmiel jifhmu u jħossu kullħadd ; u dan il-ġmiel jagħmel *l-artista.*

Issa jekk nieħdu din il-warda u b'xi skieken u xfafar irqaq inxoqquha, infel'luha u niflu tajjeb il-ħjut li minnhom magħmul il-weraq, iż-zokk, il ġewża, saħansitra dawk ir-rjus ċkejknin li jaqbżu minn fommha miksijin bi trab tad-deheb, aħna naraw bħala dinja oħra moħbija f'daqxejn ta' warda, naraw ġmiel ieħor li ma hux bħal ġmiel ta' l-ewwel, ġmiel li ma jifhmux kullħadd u ma jarahx kullħadd; ġmiel illi jħaddem

il-ħsieb actar milli jqanqal il-qalb. Dan il-ġmiel joħloq il-*bniedem tax-xjenza*, iżda ma jagħmelx *l-artista*.

*

Il-poeżija bħall-warda: għandha ġmiel, ingħidu hekk fid-dehra sħiħa tagħha, jigifiri f'dik ix-xbieha li f'daqqa waħda tqegħdilna quddiem il-fantasija tagħna, u għandha ġmiel ieħor moħbi li jinsab fin-nisġa tal-elementi li jsawruha: il-għażla tal-kliem sabiħ u ħelu fil-widna, it-taqsim tal-versi, il-metru, xbihat meħudin mill-art fejn kiber u għex il-poeta u x'naf jien.

Il-poeżija bħall-warda sabiħa, iżda tarija li jekk tmissha, ittebbagħha; trid, biex ingħid hekk, taraha u titgħaxxaq biha fuq ommha. Għalhekk, meta l-poeżija nifluha, infel'luha, inqattgħuha biex infissru l-kliem, il-grammatka u l-prosodija tagħha, aħna nkunu qtilnieha u middejnieha kadavru fuk ir-rħama kiesħa ta' l-anatomija. Nistgħu naraw is-sengħa ta' min kitibha, fir-reqqa tat-tifsir u tal-proprjetà tal-kliem, fil-mewġa ddoqq tas-sillabi u tal-versi, imma l-fantasija, mitlufa f'dawn ir-rqaqat tas-sura materjali, ma tiġbedx mill-poeżija dik ix-xbieha sħiħa u ħajja kif kien ħolomha u kitibha f'nifs wieħed il-poeta. Tmut il-poeżija, tibqa' t-teknika.

*

Minn dan li għidna jiġi li l-poeżija maltija fl-iskejjel ta' Malta—l-aktar fl-iskejjel elementari—għal dik li hi trobbija u tiswir ta' karattru m'hux biss hi meħtieġa, iżda jmissha tiġi qabel il-poeżija barranija; għaliex fil-wakt li din għandha bżonn ta' min jifliha, iqattagħha, itertaqha biex ifisser lit-tfal il-kliem, il-għidud, il-grammatka u ma nafx kemm ħwejjeġ oħra qabel ma jifhmuha, dik ma għandhiex bżonn ta' ħafna taqtigħ biex

tiftiehem, u x-xbieha tagħha tmur dritt fil-fantasja u mill-fantasija fil-qalb; u tħalli fihom dik it-tebħa li ried u li fehem il-kittieb,—xbieha sħiħa u mimlija, f'lewnha u fi fwiħitha, li ġġiegħel lit-tfal iħobbuha, jitgħaxxqu biha, u jnisslu fihom infushom il-ġibda lejn il-ħwejjeġ indaf u sbieħ, lejn il-agħmil u l-imġiba xierqa, lejn il-ħsebijiet li ma jitkaxkrux ma' l-art, iżda jittajru il-fuq, sas-sema: ġibda sabiħa u qawwija li kienet dejjem, u tibqa', is-sies li fuqu jinbena l-karattru u titwettaq ir-rġulija.

*

Hawnhekk imma tixraq mistoqsija:— Fil-Malti għandna poeżija li fil-ħaqq u fis-sewwa joqodilha dan l-isem.

B'idna fuq qalbna u b'wiċċna minn quddiem inwieġbu: Għandna.

Il-mirja għal darb'oħra.